MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 445/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ruth Borg abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Ruth Borg**

**vs**

**Suzanne Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tlieta u tmenin lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (Lm83.87) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Ruth Borg u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghall-excess ta'

Lm25.00 imhallas mill-istess Ruth Borg bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Novembru 2001, gewwa Mriehel By-Pass, bejn il-vettura propjeta' tal-attrici Ruth Borg, bin-numru tar-registrazzjoni KAC 534 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni LAN 762, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002 u ta' dik li qed tintbghat kontestwalment lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta Citadel Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-egwenti:-
It-talba attrici fil-konfront tal-eccipjent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi stante li l-eccipjenti m'hijiex responsabbli ghad-danni in kwistjoni kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Ruth Borg. Anthony Borg, Anthony Savona, PS 1283, Carmel Costa, Julianne Portelli Demajo u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Novembru 2001, f'Mriehel By-Pass, precizament f'dik in-nizla li taghti minn Mriehel By-Pass ghal Triq Dicembru Tlettax, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 534 misjuqa mill-attrici Ruth Borg u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAN 762 misjuqa mill-konvenuta. L-attrici kienet wieqfa fuq l-Istop Sign qed tistenna' biex tohrog fuq Triq Dicembru Tlettax, il-konvenuta kienet gejja minn warajha, ma ndunatx li kienet waqfet u baqghet

diehla fiha minn wara. M’hemm l-ebda dubju li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident. Fil-fatt mix-xhieda tal-konvenuta stess u anki mix-xhieda ta Julianne Portelli Demajo li kienet passiggiera maghha, jirrizulta li l-konvenuta kienet aktar mohha minn dak li kien qed jigri fi Triq Dicembru Tlettax milli minn dak li kien qed jigri immedjatament quddiemha, u ciioe’ fit-triq li kienet qed tipprocedi fiha. Fid-deposizzjoni moghtija fis-seduta tat-30 ta Settembru 2003 Julianne Portelli Demajo qalet li *“”kien hemm karozza quddiemna li kienet wieqfa qed tistenna biex tohrog fuq Triq Dicembru Tlettax, ohti kienet qed tara jekk kienux gejjin vetturi minn Triq Dicembru Tletatx, u jekk hija setghatx tohrog, ma ndunatx li l-vettura ta’ quddiemha qieghda wieqfa qed tistenna biex toohrog u dhalna fl-istess vettura minn wara”.* L-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenuta li ma zammitx ‘a proper lokkout’ ghal dak li kien qed jigri fit-triq quddiemha u ma ndunatx bil-vettura tal-attrici li kienet wieqfa fuq l-Istop Sign.

Il-konvenuta qed tikkontesta wkoll il-quantum tad-danni reklamati, jew ahjar qed tghid li ma gew kawzati ebda danni fl-vettura tal-attrici bhala konsegwenza tal-incident. Hija tghid li meta z-zewg sewwieqa hargu mill-vetturi rispettivi, huma vverifikaw jekk kienx hemm hsarat u gie kkonstatat li l-vettura tal-attrici ma kellhiex hsara. Il-konvenuta tghid li hija addirittura harget bicca mill-vettura taghha u meshet in-naha ta’ wara tal-vettura tal-attrici sabiex tnehhi t-trab u taccerta ruhha li ma kienx hemm hsara fil-vetura tal-attrici. Din tal-ahhar tikkonferma li immedjatament wara l-incident hija ma ratx hsara fil-vettura taghha izda tispjega li meta dahlet il-Belt u pparkeggjat il-vettura taghha, hija daritha sew u ndunat li effettivament fil-vettura kien hemm xi hsara anki jekk din kienet minima. Il-hsara hija dik riportata fir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 16 tal-process. Dakinhar stess l-attrici pruvat tikkomunika mal-konvenuta fuq in-numru tat-telefon lilha moghti mill-istess konvenuta immedjatamnet wara l-incident izda wara diversi tentattivi inutili, hija marret id-dar tal-konvenuta personalment sabiex din tiffirmalha l-Front to Rear Form. Il-konvenuta irrifjutat li tiffirma l-Front to Rear Form ghaliex hija rriteniet li una volta li

immedjatament wara l-incident gie stabbilit li l-vettura tal-attrici ma kellhiex hsara, hija ma kienetx obbligata li timla' l-Front to Rear Form. L-attrici tispjega li l-Front to Rear Form ma ntlietx immedjatament wara l-incident peress li hadd miz-zewg sewwieqa ma kellu din il-formola fil-pussess tieghu dak il-hin.

It-Tribunal jidhirlu li l-atturi rnexxilhom jippurvaw soddisfacentement li d-danni reklamati minnhom gew kawzati mill-konvenuta fl-incident awtomobilistiku de quo u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Il-hsara riportata hija minima u hija perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident mertu tal-kawza.

2. Mir-ritratti esebiti a fol 16 jidher li l-hsara kienet verament negligibbli u ghalhekk it-Tribunal jirritjeni li bl-ecitament li wiehed ikollu immedjatament wara li jkun involut f'incident stradali u b'ezami supeficjali u mghaggel li fil-fatt jirrizulta li sar, huwa ferm facli li wiehed ma jindunax immedjatament b'dik il-hsara.

3. Mir-rapport maghmul mill-konvenuta fl-Ghassa tal-Hamrun esebit a fol. 32 u 33 tal-process jirrizulta li l-konvenuta qalet lil PS 1283 li *"at the time of the incident she stopped and noticed that the other car had only slight damages to the rear bumper. These damages consited of only in dust markings. She wiped the marks clean and noticed that no other marks remained"* .Huwa ghalhekk plawzibbli li meta l–konvenuta meshet it-trab minn fuq il-bumper ta' wara u l-bieba ta' wara tal-vettura tal-attrici, hija ma ndunatx bil-hsara minima li fil-fatt kienet giet kawzata u dan anki minhabba li l-vettura tal-attrici kienet mahmuga bit-trab.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlieta u tmenin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm83.87), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-asikurazzjoni tal-

konvenuta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------